**NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SEBA' KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 84 - IT-TLIETA 26 TA' MARZU 2019**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fil-17:30pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Anne Marie Muscat Fenech Adami | Sindku |
| | Noel Gatt | Kunsillier (wasal fis-6:14 ) |
| | Pierre Sciberras | Kunsillier |
| | Maryanne Cuomo | Kunsillier |
| | Marlon Brincat | Kinsillier |
| | Joseph Spiteri | Kunsillier (wasal fis-17:45) |
| Skużati: | Clinton Sammut | Viċi Sindku |
| | Clifford Galea | Kunsillier |
| | Alexander Agius | Kunsillier |
| Uffiċjali preżenti: | Paul Gatt | Segratarju Eżekuttiv |
| | Louise Mallia | Uffiċċjal Eżekuttiv |

**1. QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI**

1.1. Fil-17.30 is-Sindku ddikjarat li ma kienx hemm quorum minħabba li kien għad hemm erba' kunsillieri biss preżenti.

1.2. Fis-17.45 wasal il-kunsillier Spiteri u la darba kien hemm il-quorum meħtieġ bdiet il-laqgħa.

1.3. Is-SE informa li kien irċieva *e-mails* mingħand il-kunsillieri Sammut, Galea u Agius li taw raġuni għalfejn ma setgħux jattendu.

1.4. Is-SE informa wkoll li kien avżat mill-Kunsillieri Spiteri u Gatt li se jaslu tard.

**2. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

2.1. Is-SE ippreżenta l-minuti tal-laqgħa preċedenti.

2.2. Il-Kunsillier Spiteri staqsa jekk punt 8.2 kienx spjegat ċar fejn jinsab is-sit. Deher li qiegħed spjegat tajjeb allura ma kien hemm għalfejn jinbidel xejn.

2.3. Dwar punt 5.1 il-Kunsillier Sciberras staqsa f'hiex wasal il-proġett tal-*outdoor gym*. Is-SE infurmah li l-kuntratt tal-kostruzzjoni ġie ffirmat. L-ordni biex jibda x-xogħol għadha ma saritx peress li wara spezzjoni tas-sit mal-Perit, instab li għad hemm xi problemi bid-drenaġġ u hemm xi arbli li jridu jitressqu. Il-Perit ikkonferma li xi parti mix-xogħol jista' jibda dalwaqt. Se titwaħħal tabella li tinforma lir-residenti li se jitressqu l-bring-in-sites temporanjament. Is-SE tkellem mal-Perit biex jiddisinja tabella biex tinforma wkoll fuq ix-xogħol li se jsir. Ix-xogħol tal-apparat jibda wara li

jkun lest ix-xogħol ta' kostruzzjoni. Il-Kunsillier Sciberras talab li jkun infurmat aħjar dwar il-progress li qed isir, speċjalment jekk ikun hemm xi laqgħat li jinvolvu l-proġett.

2.4. Is-SE informa wkoll li sadanittant għandu jibda x-xogħol tar-*railings* tad-dawra fuq Flats Indipendenza.

2.5. Dwar punt 4.1, is-Sindku stqarret li me kellhiex ċans torganizza l-attività u minflok qassmet pjanti bil-fjuri lin-nisà li ltaqgħet magħhom waqt dawra mal-lokalità, ġest li kien apprezzat ħafna.

2.6. Punt 4.7, Is-Sindku semmiet li wara li ġew diskussi rotot għaċ-ċikliżmu, u wara li ssir pjanta pulita, għandhom jintbagħtu għall-approvazzjoni lil TM biex ikun jista' jibda l-proċess meħtieġ.

2.7. Fuq punt 4.10, is-Sindku infurmat li bagħtet ritratti tal-*unloading* bay li saret fi Triq San Pawl lil TM dwar numru ta' kontravenzjonijiet li qed isiru minkejja li TM stess wegħdet li se tinforza. Infurmat ukoll li l-pedestrian crossing kif ċaqilquha TM ma kelliex dawl installat minkejja wkoll li ġiet imwegħda minn TM.

2.8. Is-Sindku semmiet punt 4.18, fejn talbet lill-Kunsilliera Cuomo biex tikkoordina mal-Ministru kkonċernat u ma' *Project Malta* biex possibilmnet isir ix-xogħol meħtieġ.

2.9. Dwar punt 4.19 is-Sindku talbet biex isir dak kollu possibli biex il-proċess biex jgħaddi l-ġnien f'idejn il-Kunsill jitħaffef. Il-Kunsilliera Cuomo ssuġġeriet li għandhom jintalbu fondi għalih ukoll.

2.10. Dwar punt 4.23 il-Kunsillier Sciberras issuġġerixxa li ssir applikazzjoni għal *charging pillars* fi Triq San Gwann minħabba domanda li kien hemm.

2.11. Il-Kunsillier Sciberras staqsa x'kien sar fuq punt 6.5. Is Sindku infurmat li qed tistenna li jkun iċċekkjat il-livell tal-ilma fil-ġiebja. Il-Kunsillier Spiteri ġibed l-attenzjoni biex jiġi kkunsidrat il-livell tal-ilma wara x-xita.

2.12. Saru s-6.14 u f'dan il-ħin wasal il-Kunsillier Gatt.

2.13. Il-Kunsillier Sciberras bagħat xi proposti għat-tabella tal-25 anniversarju li tinkludi l-ismijiet tal-kunsillieri kollha. Hu xtaq li titwaħħal mal-inawgurazzjoni tal-*outdoor gym* però se jkun tard wisq. Hawn issuġġerixxa biex jinstab post alternattiv. Is-SE ssuġġerixxa li possibilment tkun organizzata t-tqegħid tal-ewwel ġebla u titwaħħal hemm hekk imma din xi ħaġa li jrid jiddiskutiha mal-Perit tal-Proġett.

2.14. Il-minuti kienu approvati *nem con* wara proposta mill-Kunsillier Sciberras issekondata mill-Kunsillier Gatt.

**3. KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU**

3.1. Is-Sindku infurmat li kienet mistiedna flimkien mas-SE biex imorru Mornago għaċ-ċelebrazzjoni tal-150 anniversarju. Hija għamelt tentattiv biex tinfetaħ l-opportunità għaċ-ċiklisti ġewwa Varese.

3.2. Is-Sindku semmiet ukoll il-mawra f'Caltanisetta b'rabta mal-proġett *Solidarity 4 Heritage*. Din kienet attività li marret tajjeb ħafna u ħarġu diversi punti interessanti u utli fuq il-volontarjat.

3.3. Fl-14 ta' Marzu is-Sinkdu kellha laqgħa fuq *Organic Waste*.

3.4. Is-Sindku infurmat li sar il-konvenju tal-garaxx tal-Kunsill.

3.5. Is-Sindku flimkien mal-Kunsillier Gatt attendew il-kunċert tal-iskola primarja.

3.6. Is-Sindku tkellmet dwar l-iskema li ħarġet għall-iskulturi u artisti fejn huma mistednin jiddisinjaw monumenti biex jitpoġġew fil-ġonna tal-lokalità. Wieħed mill-postijiet huwa fir-*roundabout* T'Alla w'Ommuu l-ieħor fil-ġnien wara l-iskola. Min jirbaħ ikollu l-proġett tiegħu iffinanzjat. L-artist/ skultur rebbieħ jingħata sentejn ċans biex ilestih. Il-Kunsill qabel li għandu jaċċetta dawn il-proposti.

3.7. Is-Sindku ssuġġeriet li għall-aħħar laqgħa ta' din il-leġislatura, tistieden lill-kandidati kollha li ħerġin għall-elezzjoni tal-kunsill. Is-SE informa li l-opzjoni biex jattendu għal laqgħa dejjem teżisti u fil-każ aħjar ikunu infurmati mill-istess membri tal-Kunsill għaliex l-amministrazzjoni ma jkolliex dettalji tagħho.

3.8. Is-Sindku infurmat li l-Kunsilliera Cuomo attendiet għal laqgħa mal-ERA dwar l-ambjent. Il-Kunsilliera Cuomo tenniet li l-laqgħa kienet informattiva ħafna dwar siġar u pjanti.

3.9. Il-Kunsillier Brincat, bħala rappreżentant tal-Kunsill fl-assenza tas-Sindku, li kienet imsiefra, attenda u indirizza laqgħa tal-PA fuq il-*Planning Gains* UIF li saret fil-bini tal-Kunsill għall-Kunsilli Lokali kollha. Huwa semma li ħafna Kunsilli Lokali mhux qed japplikaw għal dawn il-fondi. Is-SE informa li huwa diġà jinsab fil-proċess ta' applikazzjoni għal dawn il-fondi fuq id-dwal għal Triq Santa Luċija, dwal għall-bandli u l-*outdoor gym*. Fakkar li infatti dan kien anki semmieh fil-baġit tal-Kunsill.

3.10. Is-Sindku kellha laqgħa mal-*Majjistral Action Group* fejn tkellmu fuq l-iskema ta' *Green Infrastructure*. Barra proġetti ta' tħaddir, din tista' tinkludi materjal edukattiv għat-tfal sakemm ikollha x'taqsam ma dawn it-tip ta' proġetti. Hemm fondi li minnhom jistgħu jingħataw sa € 50,000 lil kull kunsill. Inkluż ukoll il-manutenzjoni għal ġonna.

## 4. TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

4.1. Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-Kunsillieri.

## 5. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TA' RAPPORTI FINANZJARJI

5.1. Is-SE ippreżenta ir-rapporti finanzjarji.

5.2. Il-Kunsillier Sciberras staqsa x'kienet item 38 fl-Iskeda ta' ħlasijiet, li tikkwota *medical expenses.* Is-SE spjega li kien hemm żewġ membri tal-amministrazzjoni li ħarġu bis-*sick leave* u bagħatilhom tabib.

5.3. Il-Kunsill approva (nem con) il-lista ta' pagamenti kif annessa f'A, kif ukoll ir-rendikonti tad-dħul u ordnijiet u l-infiq mill-*Petty Cash*. Dawn huma annessi f'B, Ċ u D rispettivament wara proposta mill-kunsillier Sciberras, issekondata mill-Kunsillier Brincat.

## 6. OFFERTI TAL-KUNSILL - APPROVAZZJONI TA' RAPPORTI TAL-KUMITAT TA' EVALWAZZJONI

6.1. Is-SE ssuġġerixxa li dan il-punt jiġi diskuss fil-laqgħa li jmiss peress li ma laħaqx ipprepara l-informazzjoni kollha. Il-Kunsill qabel.

## 7. IMPJIEG TA' SKRIVAN

7.1. Is-SE informa li saru l-intervisti ma tliet applikanti fejn instab li wieħed minnhom kien jipprometti iżjed mill-oħrajn. Il-Bord dak inhar kien jikkonsisti mis-Sindku, is-SE, u l-Kunsillier Brincat, li inzerta kien il-Kunsill u la darba ma kienux attendenew il-membri tal-bord, is-Sindku talbitu jingħaqad bħala membru tal-bord. Dak inhar il-bord kien qabel li s-SE jibgħat għall-applikant preferut biex jagħmillu t-tieni intervista

u jekk isibu tajjeb, jimpjegah mill-ewwel. Is-SE informa li kien infatti sabu li jipprometti u għalhekk ingaġġah. Fakkar li hemm perjodu ta' prova ta' sitt xhur.

**8. MIL-LAQGĦA TAL-LOKALITÀ**

8.1. Is-SE ippreżenta l-minuti tal-laqgħa tal-lokalità. Kopja annessa f'E.

8.2. Is-Sindku infurmat li dwar punt 4.2 dwar skipp fit-Trade Fair Grounds, hi kienet ħadet l-inizzjattiva u sabet lis-sid u talbitu biex ineħħiha però dan tefa' l-iskart ta' ġo fiha fl-art minħabba li insista li l-materjal ma kienx tiegħu u huwa kien ikollu problema biex jarma skart imħallat. L-amministrazzjoni ċemplet lis-CSD però dawn damu ma ħadu azzjoni min-naħa tagħhom.

**9. ARTS FESTIVAL U KONFERENZA STAMPA FEJN IL-MITĦNA TAL-GĦAQBA**

9.1. Il-Kunsill qabel li l-promozzjoni tal-*Arts Festival*, li hi obbligatorja billi se tkun iffinanzjata mill-fondi Ewropej, tkun amalgamata mal-Konferenza Stampa b'rabta mal-Mitħna tal-Għaqba. Is-Sindku infurmat li għall-A*rts Festival,* "The Mill Gastropub" se jkun qed jipprovdi *packed lunches* bħala *sponsor* għal-attività. Is Sindku infurmat ukoll li l-kumpanija G&E waqqgħu l-i*sponsorship* għaż-żebgħa. L-artist James Micallef Grimaud irnexxilu jġib prezz tajjeb għaż-żebgħa mingħand il-VeeGeeBee.

9.2. Il-konferenza stampa se ssir nhar it-3 ta' April fid-9:00am. Għall-konferenza stampa ġew mistednin is-Segretarju Parlamentari għall-Kunsilli Lokali, l-Onorevoli Silvio Parnis, is-Segretarju Parlamentari tal-Fondi Ewropej u Djalogu Soċjali, l-Onorevoli Dr Aaron Farrugia u l-Ministru tal-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali, l-Onorevoli Dr Owen Bonnici. Waqt il-konferenza stampa se tiġi promossa wkoll il-ħruġ għall-offerti għar-restawr tal-mitħna.

**10. MOZZJONI DWAR IL-ĦINIJIET TA' ĠBIR TA' SKART**

10.1. Il-Kunsillier Brincat ressaq mozzjoni dwar il-ħinijiet tal-ġbir ta' skart. Din kienet issekondata mill-Kunsillier Gatt.

10.2. Kien suġġerit ukoll li tibda tinġabar borża waħda kuljum però jrid ikun hemm qbil mal-Wasteserv. Jekk tiġi aċċettata min-naħa tagħhom allura tiġi diskussa mal-kuntrattur.

10.3. Il-Kunsill approva l-mozzjoni unanimament.

10.4. Riżoluzzjoni annessa f'F.

**11. STRUTTURI KONTRA L-ĦMIEĠ TAL-GĦASAFAR FIL-BANDLI**

11.1. Is-Sindku infurmat li l-kwotazzjoni li ngħatat għal tined ikkuluriti kienet ta' madwar €24,000 li hija għalja wisq. Il-Kunsillier Brincat se jipprova jġib kwotazzjonijiet aħjar għal opzjonijiet differenti. Fost dawn semma' li jeżistu "*scarecrows"* li jistgħu jitwaħħlu mas-siġar biex igerrxu lill-għasafar u li tista' tkun ta' prezz ħafna inqas. Huwa se jipprova jikseb aktar dettalji.

**12. NUQQAS TA' ATTENDENZA GĦAL-LAQGĦAT MINN KUNSILLIER**

12.1. Is-SE ippreżenta lista ta' nuqqas ta' attendenza minn kunsillieri għall-aħħar sitt laqgħat fejn wera li l-Kunsillier Galea ma kienx attenda għal tlieta minnhom u b'hekk naqas li jattendi għal aktar għal terz tal-laqgħat.

12.2. Fuq proposta tas-Sindku il-Kunsill qabel li, meta s-SE jinforma b'dan lill-Ministru, jitolbu biex ma jiddikjarax il-post vakant peress li l-Kunsill jidhirlu li n-nuqqas kien ġustifikat.

12.3. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 13. TMIEM IL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

13.1. Id-data għas-seduta li jmiss ġiet deċiża għal nhar it-Tlieta 23 ta'April 2019.

13.2. Saru is-7.15 u l-laqgħa aġġornat.

**ANNE MARIE MUSCAT FENECH ADAMI**
**SINDKU**

**PAUL GATT DIP.MGMT (HENLEY), MIM**
**SEGRETARJU EŻEKUTTIV**